



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 21/22

il-Lussemburgu, 2 ta' Frar 2022

Sentenza fil-Kawża T-616/18
Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni
(Impenji ta' Gazprom)

**Il-Qorti Ġenerali tiċċad ir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrendi
vinkolanti l-impenji ppreżentati minn Gazprom sabiex tirrimedja t-tħassib
tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tas-swieq nazzjonali tal-provvista
tal-gass bl-ingrossa upstream fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant**

*Id-deċiżjoni li tapprova dawn l-impenji ma hijiex invvizzjata mill-iżbalji proċedurali jew sostantivi
allegati mir-rikorrenti*

Bejn l-2011 u l-2015, il-Kummissjoni Ewropea ħadet diversi passi biex tinvestiga l-funzjonament tas-swieq tal-gass fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. F'dan il-kuntest, nediet investigazzjoni kontra Gazprom PJSC u Gazprom export LLC (minn hawn 'il quddiem, meħuda flimkien, "Gazprom"), dwar provvisti ta' gass fi tmien Stati Membri, jiġifieri l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja (minn hawn 'il quddiem il-"pajjiżi kkonċernati").

Fit-22 ta' April 2015, il-Kummissjoni baġtet dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ¹ lil Gazprom, akkużatha li abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tal-provvista tal-gass bl-ingrossa upstream fil-pajjiżi kkonċernati bil-għan li tipprevjeni ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-gass hemmhekk, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jipprojbixxi tali abbużi.

Fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni b'mod aktar speċifiku kkunsidrat li l-istrateġija ta' Gazprom kopriet tliet settijiet ta' prattiki potenzjalment antikompetittivi:

- l-ewwel nett, Gazprom allegatament imponiet restrizzjonijiet territorjali fil-kuntest tal-kuntratti tagħha ta' provvista tal-gass ma' bejjieġha bl-ingrossa kif ukoll ma' ċerti klijenti industrijali fil-pajjiżi kkonċernati (iktar 'il quddiem l-"ilmenti dwar ir-restrizzjonijiet territorjali");
- it-tieni nett, dawn ir-restrizzjonijiet territorjali allegatament ippermettew lil Gazprom twettaq politika ta' prezzijiet inġusta f'ħamsa mill-pajjiżi kkonċernati, jiġifieri l-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja, billi timponi prezzijiet eċċessivi (iktar 'il quddiem l-"ilmenti dwar il-prattiki tariffarji");
- it-tielet nett, Gazprom għamlet il-provvisti tal-gass tagħha fil-Bulgarija u l-Polonja bil-kundizzjoni li tikseb ċerti assigurazzjonijiet minn bejjieġha bl-ingrossa dwar l-infrastruttura tat-trasport tal-gass. Dawn l-assigurazzjonijiet kienu jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-aċċettazzjoni mir-rikorrenti, il-bejjieġh bl-ingrossa Pollakk Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo SA, ta' kontroll ikbar minn Gazprom fuq il-ġestjoni tal-investimenti fit-taqsim Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal, wieħed mill-pipelines ta' tranżitu prinċipali fil-Polonja (iktar 'il quddiem l-"ilmenti ta' Yamal").

Biex issolvi dan it-tħassib dwar il-kompetizzjoni, Gazprom ressqet abbozz formali ta' impenji lill-Kummissjoni, u wara li rċeviet kummenti mill-partijiet interessati, abbozz emendat ta' impenji (iktar 'il quddiem l-"impenji finali").

¹ Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101] sa [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

B'mod parallel ma' din il-proċedura, ir-rikorrenti, fid-9 ta' Marzu 2017, ippreżentat ilment li jallega prattiki abbużivi minn Gazprom li fil-biċċa l-kbira kienu jikkoinċidu mat-tħassib diġà espress fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Madankollu, dan l-ilment ġie miċħud mill-Kummissjoni ².

B'deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2018 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") ³, il-Kummissjoni approvat u għamlet vinkolanti l-impenji finali ppreżentati minn Gazprom u għalqet il-proċedura amministrattiva, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003 ⁴.

Ir-rikorrenti ressqet rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, billi qieset li l-Kummissjoni kienet, b'mod partikolari, kisret f'diversi aspetti l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003 u l-prinċipju ta' proporzjonalità, għar-raġuni li l-impenji kienu inkompleti u insuffiċjenti, kif ukoll li kisret diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE, b'mod partikolari peress li d-deċiżjoni tmur kontra l-Artikolu 194 TFUE u l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni ⁵.

Dan ir-rikors qed jiġi miċħud mit-Tmien Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali.

II-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali tqis li d-deċiżjoni kkontestata ma hija vvizzjata bl-ebda wieħed mill-iżbalji, proċedurali jew sostantivi, imqajma mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sitt motivi tagħha.

B'mod partikolari, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv li jakkuża lill-Kummissjoni li aċċettat l-impenji finali meta dawn ma jirrispondux għall-ilmenti ta' Yamal.

F'dan ir-rigward, il-qorti tosserva li, fil-kuntest tal-proċedura ta' impenji prevista fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003, ir-reqwiziti relatati mal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità jistgħu jinvolvu biss it-tħassib kompetittiv kollu espost f'kuntest preliminari, inkluż meta din l-evalwazzjoni tiegħu, bħal f'dan il-każ, il-forma ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, għandha neċessarjament tikseb tveġiba fl-impenji offruti mill-impriżi kkonċernati. Madankollu, il-Kummissjoni kellha tiġġustifika n-nuqqas ta' impenji li jwieġbu għall-ilmenti ta' Yamal f'dan il-każ.

B'hekk, skont l-obbligu tagħha f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ppreżentat ir-raġunijiet għalfejn ma kinitx imponiet tali impenji. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet, b'mod partikolari, għal deċiżjoni tal-Urząd Regulacji Energetyki (Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija, il-Polonja) adottata f'Mejju 2015, li tiċċertifika, fil-qafas tar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea relatati mas-settur tal-gass. ⁶ L-operatur tas-sezzjoni Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal, Gaz-System S.A., bħala operatur indipendenti tan-network (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni"). Għalhekk, anki jekk Gazprom ippruvat issaħħaħ il-kontroll tagħha fuq il-ġestjoni tal-investimenti fit-taqsim Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal, jibqa' l-fatt li, fl-istadju tal-approvazzjoni tal-impenji finali, skont id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni, kienet Gaz-System li eżerċitat kontroll deċiżiv fuq dawn l-investimenti u, barra minn hekk, li kienu saru ċerti investimenti importanti relatati ma' din it-taqsim.

Għalhekk, id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni kienet tali li tneħħi t-tħassib li kien is-suġġett tal-ilmenti ta' Yamal. Għalhekk, fid-dawl tal-marġni ta' apprezzament li tgawdi l-Kummissjoni fil-kuntest

² Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3003 final tas-17 ta' April 2019 dwar iċ-ċaħda ta' ilment (Każ AT.40497 – Prezzijiet tal-gass Pollakki). Ir-rikors għal annullament ta' din id-deċiżjoni ġie milqugħ mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Frar 2022, Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni (Ċaħda tal-ilment), [T 399/19](#) (ara wkoll CP Nru 22/22).

³ Deċiżjoni C(2018) 3106 final tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Mejju 2018 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39816 – provvista ta' gass upstream fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant) (ĠU 2018, C 258, p. 6).

⁴ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

⁵ Ir-Repubblika tal-Polonja u r-Repubblika tal-Litwanja, b'mod partikolari, intervjenew f'dawn il-proċeduri insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti.

⁶ Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94).

tal-aċċettazzjoni ta' impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003, hija kellha d-dritt li taċċetta r-riżultati finali tal-impenji, għalkemm dawn ma jinkludu l-ebda miżura li tindirizza l-ilmenti ta' Yamal.

Billi aċċettat l-impenji finali minkejja n-nuqqas ta' impenji relatati mal-ilmenti ta' Yamal, **il-Kummissjoni lanqas ma kisret il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.** F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-allegazzjoni li l-Kummissjoni żammet lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u lill-qrati nazzjonali milli jieħdu azzjoni kontra l-prattiki koperti minn dawn l-ilmenti. Fil-fatt, għalkemm ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra d-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma kkonstatatx li ma hemmx ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea. Din id-deċiżjoni hija għalhekk mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-qrati nazzjonali li jintervjenu fir-rigward tal-imġiba ta' Gazprom marbuta mal-ilmenti ta' Yamal u għas-setgħa tagħhom li japplikaw l-Artikoli 101 u 102 TFUE.

Fit-tieni lok, **il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv li jikkontesta l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tal-impenji finali meta dawn ma jindirizzawx b'mod adegwat l-ilmenti dwar il-prattiki tariffarji.** F'dan ir-rigward, Gazprom impenjat ruħha li tintroduċi, fil-kuntratti tal-provvista tal-gass, għal perijodu ta' mill-inqas tliet snin, konklużi mal-klijenti tagħha fil-ħames pajjiżi kkonċernati, proċess ġdid ta' reviżjoni tal-formuli tariffarji li jiddeterminaw il-prezzijiet tal-kuntratt. Dan il-proċess ġdid jipprovdi b'mod partikolari għall-konformità ta' dawn il-formuli mal-linji gwida tat-tariffi stabbiliti fl-imsemmija impenji u l-possibbiltà li kwalunkwe tilwim dwar dan is-suġġett jiġi riferut lil tribunal ta' arbitraġġ imwaqqaf fi ħdan l-Unjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, **il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward, inkluż billi aċċettat impenn li jipprovdi għal dan il-proċess ġdid ta' reviżjoni iktar milli imponiet modifika immedjata tal-formuli tal-prezzijiet fil-kuntratti kkonċernati.**

Il-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat, fid-deċiżjoni kkontestata, li tribunal ta' arbitraġġ imwaqqaf fl-Unjoni Ewropea jkun marbut li josserva u japplika d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Fil-fatt, fis-sentenza *Eco Swiss* tagħha⁷, il-Qorti kkonfermat li l-Artikoli 101 u 102 TFUE jikkostitwixxu dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku, li għandhom jiġu applikati *ex officio* mill-qrati nazzjonali, li għandhom jilqgħu talba għall-annullament ta' deċiżjoni arbitrali jekk iqisu li din is-sentenza tmur kontra l-imsemmija artikoli. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u peress li r-Regolament Nru 1/2003 jirrigwarda l-implementazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-qrati nazzjonali jistgħu wkoll jilqgħu talba għall-annullament ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ jekk iqisu li din id-deċiżjoni tmur kontra deċiżjoni ta' impenn adottata skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003.

Fit-tielet lok, **il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv li jikkontesta l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tal-impenji finali meta dawn ma jindirizzawx b'mod adegwat l-ilmenti dwar ir-restrizzjonijiet territorjali.** Skont il-Qorti Ġenerali, **il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward, inkluż fir-rigward tal-impenn li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' tibdil tal-punt ta' kunsinna tal-gass.**

Fir-raba' lok, **il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv li l-Kummissjoni injorat l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni**, kif stabbiliti fl-Artikolu 194(1) TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li, fir-rigward ta' proċedura ta' impenn, il-Kummissjoni tista', fil-kuntest tal-evalwazzjoni preliminari tagħha, tiegħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet imfittxija minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat b'mod partikolari sabiex tikkonkludi, fuq bażi provviżorja, għan-nuqqas ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Madankollu, fir-rigward tal-eżami tal-impenji ppreżentati, il-Kummissjoni tillimita ruħha li tivverifika, minn naħa, jekk dawn l-impenji jissodisfawx it-tfassil li dwaru informat lill-impriża kkonċernata u, min-naħa l-oħra, jekk din tal-aħħar ma offrietx inqas impenji vinkolanti li jirrispondu b'mod tant adegwat għal dan it-tfassil, anki jekk il-proċedura ma tistax twassal għal riżultat li jkun kuntrarju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattati.

⁷ Sentenza tal-1 ta' Ġunju 1999, *Eco Swiss*, [C-126/97](#).

Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti naqset milli turi li l-impenji finali huma, bħala tali, kuntrarji għall-għanijiet tal-politika tal-enerġija jew għall-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika.

Fil-ħames lok, **fir-rigward ta' allegati irregolaritajiet proċedurali relatati mat-trattament tal-ilmenti Yamal, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni ma wettqitx tali irregolarità fil-kuntest tal-konsultazzjoni tagħha mal-kumitat konsultattiv dwar l-akkordji u l-pożizzjonijiet dominanti** prevista fl-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1/2003. Fil-fatt, jekk il-konsultazzjoni tal-kumitat tikkostitwixxi formalità essenzjali, ma jistax ikun hemm dubju f'dan il-każ li aġir tal-Kummissjoni li żamm lil dan il-kumitat milli jagħti l-opinjoni tiegħu b'għarfien sħiħ tal-fatti u lanqas, għalhekk, ta' ksur li jaffettwa l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tiċċad ukoll l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni żgwidat lill-partijiet interessati fil-kuntest tal-konsultazzjoni tas-suq.

Fis-sitt lok, **il-Qorti Ġenerali tiċċad l-argumenti tal-appellanti li jallegaw ksur ta' diversi drittijiet proċedurali waqt it-trattament tal-ilment tagħha tad-9 ta' Marzu 2017 li tiddenunzja allegati Prattiki abbużivi minn Gazprom** li fil-biċċa l-kbira kienu jikkoinċidu mat-tħassib espost fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tittrattax dan il-ilment fil-qafas tal-proċedura amministrattiva magħluqa bid-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tqis li **l-ftuħ, f'dan il-każ, ta' proċedura separata għat-trattament tal-ilment ma kienx irregolari fiha nfisha** fid-dawl tar-raġunijiet leġittimi mressqa mill-Kummissjoni, ibbażati fuq l-ekonomija proċedurali u x-xewqa tagħha li ma ddewwimx l-investigazzjoni ta' kawża li kienet fi stadju avanzat billi twessa' l-għan tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tindika li **l-ftuħ ta' proċedura separata biex tittratta l-ilment ma jistax iċċaħħad lir-rikorrenti mill-benefiċċju tad-dritt tagħha li tirċievi, bħala kwerelant, kopja tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u li tesponi l-opinjoni tagħha bil-miktub fil-kuntest tal-proċedura ta' impenji**. F'dan ir-rigward, anki jekk, fil-kuntest tat-tħaddim parallel taż-żewġ proċeduri, il-Kummissjoni żammet ambigwi fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proċedura ta' impenji u d-dritt tagħha li tirċievi kopja tal-komunikazzjoni tal-ilmenti u li tippreżenta osservazzjonijiet relatati ma' dan id-dokument fil-kuntest ta' din il-proċedura, dawn iċ-ċirkustanzi ma waslux sa fejn jaffettwaw l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tagħha f'din il-proċedura, li ngħalqu bid-deċiżjoni kkontestata.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.